## 1 ta' April, 1992

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Albert Calleja

*versus*

Orazio Micallef

**Interess Ġuridiku – Attwalità**

*Jekk l-azzjoni tkun inkapaċi li tipproduċi riżultat vantaġġjuż jew utili għal min jipproponiha jew jekk dan ir-riżultat jew sentenza ma tkunx tista' tiġi esegwita, dik l-azzjoni ma tistax tiġi protetta.*

Il-Qorti: – Ikkunsidrat:

Is-sentenza appellata ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija fil-15 ta' Diċembru, 1986 hija hekk: –

"Il-Qorti, rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fit-30 ta' April, 1979, li biha Albert Calleja wara illi ppremetta illi b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Philip Saliba tat-2 ta' April, 1979, huwa ċeda u ttrasferixxa favur Orazio Micallef, il-konvenut, li aċċetta u akkwista l-utile dominju temporanju għaż-żmien li fadal ta' ċirka seba' snin oħra ta' fond ossia razzett, illum fond urban Numru 5 (ħamsa) Triq il-Bokka, l-Imġarr, soġġett għaċ-ċens annwu u

Tuesday, January 21, 2003.max

temporanju ta' erbgħa u erbgħin lira (Lm44) fis-sena;

U illi fil-mument meta sar il-kuntratt fuq imsemmi l-attur ma kienx fl-istat mentali tali li seta' jagħti l-kunsens tiegħu liberament in kwantu huwa jbati minn stat alkoħoliku u dak in-nhar ma setax kien f'posizzjoni li jkun jaf x'qed jagħmel;

Prevja d-dikjarazzjoni illi l-kunsens ta' l-attur fuq l-imsemmi kuntratt kien vizzjat;

Talab li jiġi ddikjarat u deċiż minn dina l-Qorti illi l-kuntratt tat-2 ta' April, 1979 bejnu u bejn il-konvenut, (li kopja tiegħu qed tiġi hawn annessa u mmarkata dokument "A") huwa null u bla ebda effett fil-liġi minħabba vizzju tal-kunsens da parti ta' l-istess attur u konsegwentement jiġi ddikjarat illi l-imsemmi kuntratt għandu jitqies daqs li kieku qatt ma sar b'mod illi l-proprjetà ċeduta bl-imsemmi kuntratt għandha titqies li għadha ta' l-attur salv li l-itess attur jirrifondi lill-konvenut il-prezz minnu rrilevat fuq l-istess att oltre l-ispejjeż tal-kuntratt fuq imsemmi żborżati mill-istess konvenut;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut inġunt minn issa għas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ippreżentata fid-9 ta' Mejju, 1980, li fiha Orazio Micallef qal illi d-domandi ta' l-attur kienu nfondati billi l-attur kien ta l-kunsens tiegħu validament għall-kuntratt imsemmi fiċ-ċitazzjoni;

*Omissis;*

Għal dawn l-motivi l-Qorti tiċħad it-talbiet ta' l-attur bl-ispejjeż kontra tiegħu";

L-attur appella minn din is-sentenza u bil-petizzjoni tiegħu ta' l-appell qed jitlob li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata u tilqa' t-talbiet tiegħu bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat;

Fis-seduta tad-9 ta' Diċembru, 1991 il-konvenut appellat qajjem il-kwistjoni tal-**karenza ta' interess ġuridiku** ta' l-attur appellant fil-proċediment;

Din il-kwistjoni l-appellat qajjimha peress li mill-atti proċesswali jirriżulta u l-appellant stess jaqbel illi ż-żwieġ tiegħu ma' Maria Agius (li qed tgħix fil-fond in kwistjoni) ġie annullat ċivilment fl-1982;

Għal din il-preġudizzjali l-appellant qed jissottometti dan li ġej:

a) illi huwa jista' jirrekava riżultat vantaġġjuż jew utili minn sentenza favur it-talbiet kontenuti fiċ-ċitazzjoni tiegħu;

b) l-interess tiegħu fl-eżitu ta' din l-azzjoni jirrisali għall-fatt inkontestat li l-fond oġġett tal-kuntratt tat-trasferiment li tiegħu qed tintalab ir-rexxissjoni ġie akkwistat minnu fl-1969 waqt iż-żwieġ ma' Maria Agius u konsegwentement kien jifforma parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti. F'dan il-fond kien joqgħod flimkien mal-familja tiegħu sakemm inqala' disgwid u telaq. *Il*-konċessjoni enfitewtika kienet tiskadi fl-1986 u f'dan il-perijodu kollu u sallum baqgħet toqgħod fil-fond dik li kienet martu;

ċ) li kieku dan il-kuntratt ma sarx, martu kienet awtomatikament tużufruwixxi mill-benefiċċju u mill-protezzjoni ta' l-Att XXIII ta' l-1979 li jippermetti lil min ikun ċittadin Malti ordinarjament residenti ġo fond li jkun mogħti b'titolu ta' enfitewsi temporanja, li jibqa' jokkupa l-istess fond fit-terminazzjoni tal-konċessjoni li f'dan il-każ skadiet fl-1986;

d) l-ex-mart l-attur għandha dritt ta' azzjoni kontra tiegħu talli ppreġudikalha dan id-dritt tagħha, u konsegwentement tista' tiġi żgumbrata mill-fond fejn illum toqgħod u dan id-dritt ta' azzjoni jista' jesponih għal azzjoni ta' danni u dan ċertament jirradika interess ġuridiku attwali u reali;

e) b'eżitu favorevoli ta' din l-azzjoni, l-effett tar-rexxissjoni tirrijintegra lill-ex-martu fid-drittijiet tagħha msemmija u hu jeħles mir-responsabbilità;

f) għalkemm iż-żwieġ bejnu u martu ġie annullat snin ilu xorta jibqa' responsabbli peress li l-azzjoni li tat lok għad-danni avverat ruħha qabel l-annullament taż-żwieġ. Inoltre, din il-liġi, l-effetti taż-żwieġ iddikjarat null, jibqgħu jeżistu favur min jikkontratta ż-żwieġ *in buona fede* u dan japplika ukoll għall-effetti patrimonjali inkluż id-dritt ta' l-inkwilinat li żgur martu kien ikollha taħt l-Att XXIII ta' l-1979 kif ġie spjegat;

Ikkunsidrat:

Illi fost ir-rekwiżiti ta' l-interess ġuridiku hemm dak li l-istess irid ikun **attwali**, ċjoè dak li l-Mortara (Vol. II, p. 588) jiddefinixxi bħala "*La utilità finale della domanda giudiziale sul tema dell'*asserita esistenza e violazione di un diritto". Bħala

konsegwenza ta' dan, **jekk l-azzjoni tkun inkapaċi li tipproduċi riżultat vantaġġjuż jew utili għal minn jipproponiha jew jekk dan ir-riżultat jew sentenza ma tkunx tista' tiġi esegwita, dik l-azzjoni ma tistax tiġi protetta;**

*Inoltre kif ġie deċiż minn din il-Qorti diversi drabi* (Flynn *vs* Zammit – 22 ta' Marzu, 1926, Brockdorff *vs* Pace Balzan – 8 ta' April, 1899, Xuereb *vs* Petrococcino – 4 ta' Diċembru, 1944, Zammit *vs* Formosa *et* – 11 ta' Ġunju, 1948; mill-Qorti Kostituzzjonali in re Cacopardo *vs* Ministru tax-Xogħlijiet *et* – 25 ta' Marzu, 1985 u mill-Prim'Awla in re Strickland *vs* Caruana Gatto – 16 ta' Diċembru, 1932, Baluci *vs* Vella – 12 ta' Marzu, 1946 min jipproponi kawża għandu jkollu mhux biss interess fl-eżitu tagħha, imma dan l-interess għandu jkun jissussisti ***di fronte*** **għall-konvenut;**

Inoltre jista' jiżdied ukoll illi l-interess ġuridiku huwa ħaġa essenzjalment distinta mid-dritt. Huwa għalhekk, infatti, li l-interess mhux biss irid ikun dirett u attwali, iżda anki leġittimu, ċjoè, konformi mid-dritt ta' min ikun fil-kawża. Il-Mattirolo (Vol. I, p.50) f'dan ir-rigward jispjega illi "*L'azione compete soltanto a tutela dei diritti; l'interesse è la molla che la mette in esercizio. Quindi, se l-interesse è scompagnato dal diritto, non vi ha azione, non giudizio possibile; così che, per istituire un giudizio, non basta che un fatto d'altri pregiudichi i nostri interessi, ma occorre che questo fatto arrechi un danno giuridico, che non esiste se non è 'injuria datum', se cioè non è prodotto da chi, esorbitando dalla sfera del diritto proprio, offende un nostro diritto*". Il-liġi qiegħda hemm biex tittutela, tipproteġi dak l-interess li għandu dritt bħala bażi tiegħu. Huwa għalhekk li jingħad li l-interess huwa l-miżura ta' l-azzjoni;

F'dan l-isfond, hu ovvju, li b'dak kollu li ssottometta l-appellant, u ċjoè li l-ex-martu baqgħet toqgħod hemm u tista' tfittxu, u li fil-fatt hemm kawża attwalment pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) mill-konvenut odjern kontra l-ex-martu Maria Agius biex jiżgumbraha billi qed jippretendi li qed tokkupa l-fond bla titolu, billi fl-1982 ġie ppronunzjat l-annullament ċivili bejnu u bejn martu u billi fl-1986 skadiet il-konċessjoni enfitewtika, huwa llum ma jistax jingħad li għad fadallu dak l-interess ġuridiku rikjest biex ikompli bil-proċediment odjern. Ma baqagħlux interess ġuridiku, għaliex speċjalment wara l-1986 meta skadiet il-konċessjoni enfitewtika, fil-konfront tal-konvenut ma jistax jingħad li jista' jkollu xi drittijiet viġenti billi ma kienx hu li kien jabita fil-fond in kwistjoni. Jiġifieri qed jiġi deċiż li mhux biss kull interess li jippretendi li għandu l-appellant mhux leġittimu fis-sens li mhux relatat ma' dritt iżda wkoll kull interess li jivvanta fl-eżitu tal-kawża ma jistax fiċ-ċirkostanzi preżenti jivvantah fil-konfront tal-konvenut;

Għal dawn il-motivi, għalhekk, billi fil-mori tal-kawża ġie nieqes l-interess ġuridiku fl-attur appellant biex jipprosegwixxi bl-azzjoni tiegħu, tiċħadlu l-appell bl-ispejjeż kontra tiegħu.